FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)

SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 6 TA' MARZU 2001

PULIZIJA
SPETTUR DAVID SALIBA
SPETTUR STEPHEN GATT
VS
GEORGE MIFSUD
JOSEPH CACHIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati George Mifsud ta' 29 sena imwieled fis-26 ta' Novembru 1968 imwieled Pieta bin Vincent u Maria nee Delia u joqghod Block 10, Flat 2, Hubbard Flats, Alexandra Street Bormla Nru tal-ID 486268M u Joseph Cachia ta' 25 sena imwieled fis-6 ta' Frar 1973 imwieled Pieta bin George u Terese nee Muscat u joqghod 10, Lorenzo Gafa Street, Zejtun Nru tal-ID82973M talli nhar l-20 ta' Dicembru 1997, minn G'Mangia ghal habta tal-11am ikkommetta serq ta' karozza tal-ghamla Mini Minor bin-numru tar-registrazzjoni CAP 231, ghad-dannu ta' Edigio Zammit minn San Gwann liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur u bix-xorta tal-haga misruqa.

Talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara ma tiskorrix il-hamis lira imma tkun izjed minn ghaxar liri fil-karozza Mini Minor bin-numru tar-registrazzjoni CAP 231 ghad-danni ta' l-imsemmi Edigio Zammit minn San Gwann.

Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi xjentement laqaw ghandhom jew xtraw hwejjeg, u cioe karozza tal-ghamla Mini Minor bin-numru tar-registrazzjoni CAP 231, kif ukoll arma tan-nar, u flus kontanti li l-valur taghhom jeccedi l-Lm100 li gew meduha b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahhlu biex ibieghhom jew imexxuhom.

Talli f'St Andrews, fl-20 ta' Dicembr 1997 ghal habta ta' nofs inhar ikkommettew hold up u cioe serq ta' flus kontanti mill-ispizerija St Andrew's Pharmacy li qeghda sitwata fi Triq il-Qasam, St Andrew's liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, valur, u mezz u dan ghad-dannu ta' Andrew Attard Montaldo.

Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarrestaw lil hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil xi persuna u cioe lil Andrew Attard Montaldo kontra l-volonta tieghu, jew taw post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata.

Talli lil Joseph Cachia wahdu talli fl-istess data, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu, u garr arma tan-nar regolari u cioe revolver, kif wkoll munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Talli fl-imsemmija data, hin u cirkostanzi saq karozza Mini Minor bin-numru tar-registrazzjoni CAP 231 minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, ghaldaqstant ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni kontra terzi persuni u talli b'imprudenza, negligenza, b'manjiera traskurata, perikoluza u bi speed eccesiv, saq l-imsemmija vettura, kif wkoll naqas li jobdi l-ordni legittima u esekuttiva moghtija mill-pulizija. Ghaldaqstant, il-prosekuzzjoni li skwalifika tal-licenza tas-sewqan ta' Joseph Cachia jew jigi skwalifikat milli jottjeni licenza tas-sewqan.

Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi waqt li kellu licenzja tas-sewqan sospiza fil-Qorti tal-Magistrati fit-12 ta' Gunju 1997 Awla 15 saq vettura meta kellu licenzja sospiza.

Talli lil George Mifsud wahdu talli jinsab ricediv b'diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi bid-dati 6 ta' Gunju 1996 Awla 7, 11 t'Ottubru 1996 Awla 8, 29 ta' Novembru 1996 Awla 8 u 7 ta' Lulju 1997 Awla 3.

Talli lil Joseph Cachia wahdu talli jinsab ricediv b'diversi sentenzi liema sentenzi huma denittivi bid-dati 12 ta' Gunju 1997 Awla 15 u 14 t'Ottubru 1997 Awla 4.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali that liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputati.

Rat il-verbal tat-18 ta' Novembru 1998 fejn l-imputati ma kellhom oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti.

Rat id-decizjoni taghha tat-8 ta' Gunju 2000.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni (fol 33-38) jirrizulta illi fl-20 ta' Dicembru 1997 l-Ispettur Saliba bhala Duty Officer CID kien gie infurmat li kienet sehhet Hold Up f'St andrews Pharmacy fis-Swieqi, imwettqa minn zewgt irgiel, wiehed minnhom mghammad, u armat b'revolver, mill-liema spizerija rnexxielhom jakkwistaw il-flus. L-

ufficjal prosekutur gie infurmat illi iz-zewg irgiel kienu harbu min fuq il-post permezz ta' karozza Mini Minor kanella – jew ahmar mahmug.

Illi l-ufficjal prosekutur flimkien ma PS754 Mario Buttigieg immedjatament accedew ghal fuq il-post fejn permezz r-radio tal-pulizija semghu illi il-pulzija kienu qeghdin jsegwu Mini Minor f' Triq Bahar ic-Caghaq fid-direzzjoni lejn San Pawl il-Bahar.

L-ufficjal prosekutur qal li kien ta' diversi istruzjonijiet lil Mobile Units sabiex javvicinaw l-inhawi u jintercettaw l-istess karozza.

Fi ftit mumenti hekk kif l-Ispettur Saliba kien qed javvicina Bahar ic-Caghaq sema fuq ir-radio li l-pulizija kienu qabdu zewgt irgiel f'Bahar ic-Caghaq hdejn il-Vineyard Bar li x'aktarx kienu involuti fl-istess Hold Up.

Meta wasal fuq il-post Spettur Saliba sab lill-imputati detenuti separatament minn PC424 Zammit, PC480, PS77, PC949 Debattista. Illi ftit passi il-boghod kien hemm revolver ikkargat imqieghed fuq hajt tas-sejjiegh.

L-Ispettur Saliba a fol 33 zied jghid li hdejn l-imputat Cachia kien hemm balaclava sewda, telecell u xi flus. Hdejn l-imputat Mifsud kien hem,m pakkett tabakk (Holbourne) li kien jikkontieni xi flus. Dawn l-oggetti gew elevati mis-Scene of Crime Officers.

L-imputati gew interrogati mill-Ispettur Saliba u (AC) Assistent Kummissarju Rizzo.

L-uficcjal prosekutur kompla jiddeponi illi kien gie infurmat min sid St Andrews Pharmacy (l-ispizjar Andrew Atard Montaldo) illi waqt li hu kien qeighed jservi mara, dahal ragel u fil-pront dahal iehor mghammad b'balaclava tas-suf iswed li wara li ffirmah ppuntalu revolver lejn il-cash register biex jindika li ried xi flus, l-ispizjar Attard Montalto tah il-flus

kollha li kellu – approx. mitt lira. Kif ta il-flus, iz-zewg irgiel telqu il-barra. L-ispizjar Attard Montalto infurmah li fl-ispizerija kien hemm Annette Klein u kif hargu z-zewgt irgiel kienet dahlet Zdeuka Sant.

Illi l-Mini Minor li kienet instabet fuq il-post – b'numru ta' registrazzjoni CAP 231 ttiehdet id-depot u fuq aktar stharrig irrizulta li kienet tappartjeni lil Edigio Zammit u li kienet insterqet dak in-nhar stess u cioe fl-20 ta' Dicembru 1997, meta kienet qed tintuza min bintu Michelle Zammit li tahdem l-isptar. Michelle Zammit kienet ghamlet rapport lil Pulizija li insterqitilha l-karozza minn hdejn l-isptar San Luqa.

Illi mill-identification parades li twettqu fl-inkjesta gew identifikati l-imputati minn Stewart Woodworth, Zdeuka Sant, Mario, Carmelo u Giuseppi Grech, bdiewa li ghandhom l-ghelieqi fil-Maghtab.

Gew ippresentati l-istqarriji tal-imputati Dok 1 u 2 li ma gewx iffirmati mill-imputati.

Illi sussegwentement gew interrogati wkoll mill-AIC Rizzo u hawn George Mifsud stqarr illi huwa kien mar gewwa spizerija sabiex jixtri xi labar sabiex jkun jista jiehu xi droga. Kien dahal warajh Cachia mghammad u b'revolver f'idejh u f'dan il-hin Mifsud ddecieda li jassistih fir-reat u kif hadu il-flus telqu il-barra (fol 37) u imbaghad gew maqbuda mill-pulizija.

Joseph Cachia interrogat mill-AIC Rizzo ma rrisponda ghal ebda domanda izda waqt li kien fil-bitha gie mistoqsi jekk kienux gja qasmu il-flus mill-"hold up" qabel ma inqabdu mill-pulizija u l-imputat rrisponda fl-affermattiv.

Gew esebiti Dok DS3, 4, u 5 tlett sentenzi fil-konfront ta' l-imputat George Mifusd (fol 45-55) bix-xhieda tal-identita rispettiva a fol 56-59.

Mix-xhieda tal-Ispettur Stephen Gatt jirrizulta illi fl-20 ta' Dicembru 1997 kien gie mgharraf bil-hold up fuq St Andrew's Pharmacy u acceda immedjatament fuq il-post (fol 60 et seq).

Kien kellem lill-ispizjar Attard Montaldo u infurmah b'dak li gara. Tah deskrizzjoni tal-incident cioe fejn 2 irgiel, wiehed mghammad u l-iehor jghatti wiccu b'dirajgh kienu wettqu hold up fi spizerija, kif telqu f'Mini Minor reddish brown CAP 231 lejn id-direzzjoni ta' Bahar ic-Caghaq.

Ta' wkoll deskrizzjoni tal-irgiel li wettqu il-hold up u cioe sitt piedi twal, irqaq, wiehed liebes balaclava tas-suf sewda. L-iehor b'windcheater blue bl-abjad. Dak li kien jghatti wiccu b'dirajgh kellu lehja ta' jumejn. Spettur Gatt kien presenti ghall-istqarriji tal-imputati u ghall-identification parades li saru (fol 62).

PC424 V Zammit (fol 64 et seq) xhed illi huwa kien detailed mal-mobile Squad fl-20 ta' Dicembru 1997 u kien first watch f'area ta' Bugibba ma PC482 u dahal messagg mill-Control Room li kien twettaq Hold up u l-"get away car" kienet Mini Minor kanella CAP231. Huma pprosegwew ghal Coast Road u ltaqghu mal-Mini Mior u segwewha sal-Maghtab fejn f'hin minnhom tilfuhom. PC424 Zammit xhed li pero kienu tawhom xi indikazzjonijiet xi bdiewa tal-post u fil-fatt sabuhom jimxu hdejn il-Vineyard Restaurant.

Meta nizlu ghalihom il-pulizija, l-imputat Cachia hareg arma min warajh u l-pulizija tawh ordnijiet biex jarmiha mal-art. Cachia obda u l-imputati gew arrestati.

Twettqu searches fuq il-persuna tal-imputati. Gew misjuba l-oggetti indikati a fol 65.

PC482 Fabio Chircop (fol 67 et seq) kkonferma li kien detailed mal-Mobile Squad ma PC424 u kkonferma l-istruzzjonijiet moghtija lilhom mill-Control Room.

Kkonferma li kien lemhu il-Mini Minor min numru li kienu gew moghtija u daru ghal warajha lejn il-Maghtab. B'ghajnuna tal-bdiewa saru jafu li l-karozza giet abbandunata u l-irgiel kienu telqu bil-mixi.

PC482 kkkonferma li kienu sabu lill-imputati hdejn il-Vineyard  u li l-imputat Cachia maghruf bhala "Billy Joe" kellu arma f'idu. PC482 xhed illi meta kienu gharfu il-Mini Minor u daru biex jsegwuha, huma kienu qed jsegwu din il-karozza biss u ma kien hemm ebda karozza li firdet il-car tal-pulizija u il-Mini Minor CAP 231 (fol 69).

A fol 71 Roberta Tabone mil-licensing Department xhedet li l-licenzji A u B tal-imputat Cachia gew skwalifikati mit-12 ta' Gunju 1997 sat-12 ta' Gunju 1998.

Andrew Attard Montalto (a fol 76) xhdet illi huwa ghandu spizerija jisimha St Andrew's Pharmacy u li s-Sibt ta' qabel il-Milied, waqt li kien qed jaqdi klijenta, ra dell ta' persuna ohra u kif dar, sab revolver ma rasu u bniedem mghammad fuqu li ghamel mossa biex jinfetah il-cash register. L-ispizjar xhed illi huwa fetah il-cash register waqt li ragel iehor li kellu wiccu mghotti b'idejh zvojta il-cash.

Wara li telqu il-hallelin, l-ispizjar xhed li hares ghal barra mill-vetrina u ra z–zewg persuni f'Mini Minor u hadilhom in-numru tal-karozza.

Ftit sekondi wara dahal gara tieghu u induna b'dak li gara u cempel lill-pulizija. L-ispizjar xhed li anki huwa rnexxielu jcempel lill-pulizija. L-ispizjar Attard Montaldo xhed li fil-cash register kellu Lm150. L-ispizjar xehed li z-zewg irgiel kienu twal sitt piedi u pjuttost irqaq. Wiehed b'xaghar ftit innukklat u pjuttost bjond fil-carnaggjon. Kkonferma li l-getaway car kienet CAP 231.

X-xhud ma rnexielux jgharaf lill-imputati u pero kellu dubbju fuq l-imputat Cachia (fol 79-80).

Joseph Zammit (fol 51 et seq) xhed illi l-Mini Minor CAP 231 giet miftuha b'mod normali ghaliex kellha locks difetuzi u li giet stratjata b'tbaghbis tas-sistema tal-ignition kif jirrizulta mir-relazzjoni Dok JZ.

Mix-xhieda fol 96 jirrizulta li George Mifsud ID Card No. 82973M ma kienx licenzjat biex jzomm arma tan-nar.

PC154 Jesmond Cassar – espert Ballistiku – esebixxa revolver u hames skratacc – liema arma ma tisparax ghaliex mhiex arma originali izda giet modifikata minn dilettant (fol 103).

A fol 106 et seq gew esebiti zewg sentenzi dok DSX u DSY fil-konfront tal-imputat Cachia.

A fol 112-114, Edigio Zammit  kkonferma li l-"car" CAP 231 Mini Minor kulur kannella metallic kienet proprjeta tieghu u li din il-"car" kienet qed tintuza minn bintu Michelle li tahdem l-isptar.

Michelle Zammit fol 115-117 xhedet li l-Mini Minor CAP 231 fuq indikata kienet ta' missieha li uzata biss ghax-xoghol St Lukes fl-20 ta' Docembri 1997 min fejn kienet giet misruqa u li ghalhekk ghamlet rapport lill-pulizija.

Sussegwentement kienu infurmawha l-pulizija u kienet nizlet sad-Depot u gharfet il-karozza.

PS4 John Charles Ellul ppresenta r-relazzjoni tieghu u l-oggetti indikati a fol 28 inkluz barnuza sewda, par ingwanti suwed, kartiera u pakkett tabakk. Kompla jixhed illi waqt li huwa kien fil-bitha tac-CID AC Rizzo kien staqsa lil Joseph Cachia kienx qasam il-flus u l-imputat Cachia wiegbu fl-affermattiv.

Surgent Ellul xhed li hu kien presenti waqt ttehid tal-istqarriji tal-imputati (fol 130).

PS1525 Patrick Farrugia esebixxa ritratti f'faxxikolu li jidher a fol 171.

PC 949 Roger Debattista (fol 172-174) xhed illi huwa kien nizel jaghti l-ghajnuna lil Mobile Squad u ghamel search fuq l-imputat Cachia u sab fuq il-persuna tieghu beritta, par ingwanti tas-suf, telecell u wallet bil-flus; u kien hemm arma mal-art.

Giuseppi Mifsud (fol 176) xhed ili fl-20 ta' Dicembru 1997 huwa kien mixi fit-triq ma zewgt itgal tieghu u ghaddiet Mini Minor b'kemm timxi.

Dak li kien fil-passenger seat kellu ftit lehja. Sussegwentement ra l-istess karozza abbandunata fl-ghalqa ftit aktar il-fuq.

Mario Grech (fol 179-181) xhed illi fl-20 ta' Dicembru 1997 kienu ghaddejjin il-hallelin u l-pulizija kienu qed jigru warajhom. Marru hu u huh min-naha ta' wara u sabu lil hallelin qeghdin jaqbzu min go l-ghalqa taghhom u baqghu telghin il-fuq. Mario Grech ma gharafx lill-imputati quddiem il-Qorti izda jaf li gharaf xi nies f'identification parade li kienet saret.

Philip Zammit esebixxa r-relazzjoni tieghu – cioe stima tal-hsara fuq il-karozza CAP 231 – cioe Lm45 waqt illi l-car tiswa Lm450. (ara fol 195-199).

PS1777 Joseph Zammit – Dogs Section - xhed li l-Control Room tal-pulizija fl-20 ta' Dicembru 1997 kienet tat struzzjonijiet li jassistu f'hold up u li gew mghotija indikazzjoni ta' fejn kienu s-suspettati fuq r-radio. Illi ghalhekk kienu nizlu s-Salina ghal Bahar ic-Caghaq fejn dahal messagg li s-suspettati kienu nqabbdu. Huma accedew ghal post u sabu lill-imputati u l-pulizija tal-mobile (fol 201).

PS1777 jghid li huwa ma wettaw ebda tfittxija fuq il-persuna tal-imputati izda dik it-tfittxija twettqet fil-presenza tieghu u fuq l-imputat Cachia giet elevata il-balaclava (fol 202) u fuq l-imputat Mifsud gie elevat ammont ta' flus. Xhed illi ra arma (revolver) fuq ic-cint tas-sejjiegh (fol 203).

Zdeuka Sant (fol 211) kkonfermat ix-xhieda li tat fl-inkjesta u il-persuni li gharfet fil-identification parade.

In kontro ezami Sant xhedet illi li kien laqatha f'dik il-gurnata kien il-fatt illi wiehed mill-imputati kien tella il-balaclava u l-iehor kien ghadu qed jghatti wiccu b'idejh.

Illi dan it-tieni wiehed li kien jghatti wiccu Sant gharfitu mill-ewwel fil-Identification parade. It-tieni wiehed (Cachia) ddubitat ftit minhabba li dehrilha li kien itwal izda xorta gharfitu (fol 214).

Annette Klein (fol 221) xehdet li kien is-Sibt qabel il-Christmas bejn 12 – 1pm u marret St Andrew's Pharmacy  u waqt li kienet qed tispjega lill-ispizjar dak li riedet hasset li xi hadd jqieghed idejh fuq spallejha u rat li kien ragel li kien qieghed jipponta pistola lejn l-ispizjar. Dahal ragel iehor u ha il-flus kollha tal-cash b'heffa kbira. Xehdet illi dwar ir-ragel li kien qieghed warajha bil-pistola ma tista taghti ebda deskrizzjoni stante li kienet b'darha lejh u dwar dak li ha il-flus xhdet illi kien twil u irqiq (fol 223) u li kien qed jghatti wiccu b'dirghajh.

PS754 M Buttigieg xhud tal-istqarrija tal-imputat Cachia ikkonferma dan a fol 285.

WPC 207 Jennifer Oatley (fol 287) kkonfermat li George Mifsud (ID Card No. 486268M) ma kellux licenzja biex jzomm jew jgorr arma tan-nar kif del resto ma kellux Joseph Cachia (ID Card No 82973M)

Joseph Spiteri (fol 289) xhed li George Mifsud ma kellux licenzja tas-sewqan.

Edigio Zammit (fol 294) u Michelle Zammit (fol 297) kkonfermaw ix-xhieda taghhom fl-inkjesta.

Andrew Attard Montalto (fol 299) kkonferma ix-xhieda tieghu li ta fl-inkjesta.

PS845 Peter Cini (fol 302) xhed li huwa kien kellem lill-ispizjar wara l-hold up tal-20 ta' Dicembru 1997 mwettaq min zewg persuni – wiehed mghammad u iehor le; l-ammont ta' flus li kienu hadu; u li kienu harbu min fuq il-post. PS Cini xhed li kien gie infurmat li l-car kienet giet segwitu mill-pulizija u li inqabdu il-hallelin lejn il-Maghtab. Dan nizlu fl-okkorrenza Dok PC a fol 304.

AC Rizzo xehed (fol 313-322) illi huwa kien infurmat bil-hold up tal-ispizerija u kien kkordina it-tfittxija tas-suspettati. Xehed li kien fi triq Bahar ic-Caghaq li twasslek ghal Maghtab fejn fi sqaq bejn ir-raba sab Mini Minor ingulmata fil-hamrija. Nizel jaghmel tfittxija fl-inhawi jittrekja il-passi fil-hamrija u hargu zewg bdiewa li qalu li raw zewg zaghzagh jigru l-isfel. AC Rizzo xhed li kompla nizel u hargu zewg nies ohra wiehed jitkellem bl-ingliz li qalulu li z-zaghzagh komplew nizlu l-isfel. AC Rizzo xehed li kien wasal lejn il-knisja ta' Bahar ic-Caghaq meta sab lill-imputati arrestati mill-pulizija tal-Mobile Unit u tad-Dog Section.

Saret tfittxija fuq il-persuni tal-imputati u l-oggetti misjuba fuqhom gew elevati mis-SOCO waqt li l-Mini Minor ttiehdet d-depot ghal ezamijiet ulterjuri.

AC Rizzo xhed illi fuq ix-xena fejn gew mizmuma l-imputati ra arma kkargata, telecell u balaclava hdejn Mifsud (l-imputat), ra tabakk Holbourne lighter u flus. Komplew l-investigazzjonijiet, saru Identification parades u kellhom positive identification (fol 316).

AC Rizzo qal li waqt l-interrrogazzjoni Mifsud qallu li kien dahal fil-farmacija ghal siringi u waqt li kien hemm dahal siehbu b'balaclava u revolver u kif rah jwetaw il-hold up, assistih. Illi kellem lil Cachia, staqsieh jekk kienux gia qassmu il-flus li serqu u dan wiegbu fil-posittiv.

In kontro ezami (fol 319-320) AC Rizzo qal li waqt l-interrrogazzjoni ta' Cachia kien hemm okkazzjonijiet fejn ma ammettiex, okkazzjonijiet fejn ma rrispondix. Gie mistoqsi jekk Cachia rrispondiex 50 – 50 ghal dikjarazzjoni li Rizzo kien ghamel li hu kien ragel u ma kellha x'taqsam xejn ma flus,  AC Rizzo jinnega.

Zdeuka Sant (Fol 323-325) kkonfermat ix-xhieda moghtija minnha fl-inkjesta.

PC 424 Vincent Zammit (fol 326-329) kkonferma ix-xhieda li ta' fl-inkjesta.

PC428 F Chircop (fol 330-332) kkonferma ix-xhieda li ta' l-inkjesta.

Illi fix-xhieda tieghu l-imputat Cachia (fol 380-383) xhed illi huwa kien rrisponda "fifty fifty" ghall-istqarrija ta' Rizzo li huwa ragel u mhux ghad-domanda ta' kif qasmu il-flus. Anzi xhed illi huwa gie detenut 48 siegha u baqa ma ammettiex.

In kontro ezami l-imputat xhed li gie  maqbud mill-pulizija fejn il-Vine yard Restaurant Bahar ic-Caghaq fejn kien appena ghadu kif hareg biex jircievi telefonata fuq il-mobile meta ra lill-imputat Mifsud u l-car tal-pulizija. Cachia qal li kien wasal hemm b'tal-linja, waqaf fejn il-knisja ta' Burmarrad u qabad jimxi sa Bahar ix-Xaghaq u mar jixrob il-Vineyard.

A fol 356 jghid li l-ewwel qabad tal-linja miz-Zejtun ghal Belt u mill-Belt ghal Burmarad. Mistoqsi allura kif fl-istqarrija jghid li mar d-detox ghal mistura Cachia jghid li dak kien gara fil-ghodu kmieni.

Illi min wara d-detox rega tela iz-Zejtun.

A fol 359 jghid illi waqt din il-passigata fil-kampanja iltaqa ma diversi nies inkluz xi bdiewa li maghhom kellu xi jghid fuq tghaffig ta' xi patata. Qal ukoll illi kien ltaqa ma Ingliz.

Xhed illi meta wasal il-Vineyard kienet cemplitlu il-mara li maghha kien qed johrog dak iz-zmien fuq it-telecell, hareg il-barra minhabba r-reception tat-telefon kienet batuta u minnufih gew fuqu il-pulizija arrestawh u hadulu l-affarijiet misjuba fuqu (fol 366).

Nnega li l-pulizija ha xi arma min fuqu.

Mistoqsi fuq l-interrogazzjoni tieghu mill-AC Rizzo, Cachia u precisament fuq il-fatt li kienu instabu fuq il-persuna tieghu Lm75 u Lm75 ohra fuq il-persuna ta' Mifsud, l-imputat Cachia jghid li ma jafx xi flus kellu kienx kellu flus fuqu dak in-nhar. Cachia baqa jtenni il-fatt illi huwa rrisponda fifty fifty ghal dikjarazzjoni ta' AC Rizzo li huwa ragel, baqa jsostni li ma kellu ebda arma, li ma dahal f'ebda Mini Minor u li ma kienx ma George Mifsud.

Joseph Gatt fit-2 ta' Mejju 2000 xehed illi l-imputat Mifsud kien beda programm ta' riabilitazzjoni kontra d-droga fil-11 ta' Mejju 2000 li huwa mar tajjeb u kien fl-istadju ta' re-entry. Kien qieghed jahdem fl-Ghonella Restaurant. Dan gie konfermat min sid ir-Restaurant Joseph Gauci.

Raymond Libreri, Charles Straud xehdu li ma kellhom video recording tal-hold up in kwistjoni.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda fuq rakkolta mill-pulizija, liema xhieda giet ezaminata fid-dettal taghha minn din il-Qorti, jidher car illi hemm provi sgjaccanti li

jwasslu pass wara pass ghal prova bla dubbju dettat mir-raguni li kienu z-zewg inputati li twettqu r-reati li bihom jinstabu mixlija. Dan qieghed jinghad ghaliex jidher evidentissimu illi din il-hold up ma kenitx wahda ppjanata fid-dettal izda kienet gennata, serqa li twettqet "on the spur of the moment", li saret fid-dawl tax-xemx, fi spizerija fl-12 – 1pm, ftit qabel il-Christmas meta kien hemm ammont konsiderevoli ta' nies kemm fit-triq kif wkoll fl-ispizerija.

Illi fost dawn tal-ahhar taw a positive identification (ara xhieda ta' Zdeuka Sant) apparti dan kien hemm diversi nies li hadu in-numru tal-get away car bil-make u il-kulur taghha. Gie stabbilit illi din kienet karozza misruqa friska min St Lukes, u ghaldaqstant il-pulizija f'operazzjoni ammirevoli, immobilizzaw diversi membri tal-Korp fit-tfittxija. Hawnhekk iz-zewg membri tal-mobile unit PC424 Vincent Zammit u PC482 Chircop lemhu il-karozza indikata u segwuha sal-Maghtab fejn ghal mument tilfuha. Illi fortunatament raw lill-imputati johorhu mill-Mini Minor CAP 231 il-bdiewa tal-post, li komplew jghinu lill-pulizija u l-imputati spiccaw f'idejn il-pulizija ftit temp ta' minuti.

Illi fuq il-persuna ta' Cachia giet elevata pistola, balaclava, telecell u Lm75 waqt li fuq Mifsud nstab Lm75 u pakkett tabakk Holbourne.

Illi il-bdiewa Grech u Mifsud gharfu lill-imputati f'identification parade apparti li l-imputati gew identifikati wkoll mill-membri tal-police squad li kienu qed jsegwuhom. Inoltre l-imputati gew identifikati min Zdeuka Sant u mill-Ingliz (Stewart Woodward) a fol 265 u 266. Provi sgjaccanti aktar mill-kaz in ezami wiehed ftit jsib u ghalhekk din il-Qorti ma tarax li ghandha tinhela fil-gideb sfaccat u patetiku tal-imputat Cachia.

Bizzejjed li l-Qorti taghmel acenn ghal gideb puerili fir-rakkont tal-imputat Cachia dwar x'suppost ghamel dakinhar tal-Hold up.

Dana jsostni li dahal il-Belt b'tal-linja miz-Zejtun mar sa Burmarrad b'tal-linja biex jmur passigata fil-kampanja mill-Maghtab sa Bahar ic-

Caghaq. Cachia (li nesa li kien qal lil pulizija li kien mar l-isptar -Detox Centre- dakinhar) mistoqsi dwar il-hin li attenda d-Detox, qal li dak kien kmieni fil-ghodu u li kien rega tela iz-Zejtun!

Illi inoltre l-imputat Cachia jahseb li jekk jinnega repetutament u b'mod vociferu li ma kellux arma, dan l-istat ta' fatt b'xi mod ser jghib jew jithassar mill-memorja tal-Qorti. Dan minkejja ix-xhieda ta' PC424 Vincent Zammit u PC482 Fabio Chircop li raw lil Cachia johrog pistola minn warajh u fuq ordni tal-pulizija rrilaxxa l-arma minn idejh.

Din il-Qorti tifhem illi kien l-imputat Joseph Cachia li holom b'hold up u hemm provi bizzejjed (ara xhieda ta' PC424 u PC482) li kien hu li qieghed jsuq waqt li l-imputat Mifsud kien f'seat tal-passiggier (ara xhieda tal-bdiewa tal-post, Giuseppe Mifsud a fol 176 et seq u dik ta' Mario Grech a fol 179-181 u x-xhieda taghhom fl-inkjesta).

Jirrizulta mix-xhieda ta' Annette Klein (fol 221), u dik tal-izpizjar Attard Montalto (fol 229 et seq) li l-imputat Mifsud kien dak li kellu wiccu mghotti b'idejh u li assista lil dak tal-balaclava (Cachia) billi ha' il-flus mill-Cash Register.

Saret sodisfacentement il-prova illi l-imputat Cachia kien skwalifikat milli jottjeni licenzja tas-sewqan (ara xhieda ta Roberta Tabone a fol 71,) kif wkoll il-maniera perikoluza li biha kien qed jsuq (ara xhieda ta' Giuseppe Mifsud a fol 176 et seq) li ra l-Mini Minor tghaddi "b'kemm timxi" fit-trejqet bejn ir-raba.

Illi ghal rigward akkuza tas-serq tal-Mini Minor CAP 231 u l-fatt li din kienet fil-pussess tal-imputati u il-provi sgjaccanti li kien huma li serquha u gew segwiti mill-pulizija, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jinsenjaw Cross and Tapper fil-ktieb "On Evidence" – eight edition at pg 35:

"If someone is found in possession of goods soon after they have been missed and he fails to give a credible explanation of the manner in which

he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen."

Illi ghal din ir-raguni din il-Qorti ma ghandhiex l-icken esitazzjoni illi ssib lill-imputati hatja skondl-akkuza. Illi din il-Qorti ddeliberat hafna u fit-tul dwar il-piena u rat l-progress enormi li ghamel George Mifsud wara il-programm ta' riabilitazzjoni kontra d-droga izda stante illi kemm hu kif wkoll l-imputat Cachia huwa ricedivi mhuwiex permess skond il-ligi li jinghataw sentenza sospiza.

Di piu fir-reati kontemplati f'din il-kawza u cioe f'armed robbery ma jaghmilx sens l-ghotja ta' piena ta' sentenza sospiza anki f'kaz ta' akkuzat b'fedina penali nadifa netta.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuza u wara li rat fil-konfront ta' George Mifsud Art 261(b)(c)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 271, 278, 330, 279, 280, 325(c), 334, 261(a), 262, 276, 277, 89, 18, 17, 49, 50, 289 u 533 tal- Kodici Kriminali.

Fil-konfront ta' l-imputat Joseph Cachia l-Art 18, 261 (a)(b)(c)(g), 262, 276, 277, 263, 264, 265, 266, 267, 271, 278, 279, 280, 330, 334, 325(c), 89, 49, 50, 289, 533, 17 tal-kap 9, l-Art 3, 9, 19, 23, 25, 26, 27 kap 66, Art 3(2), 8, 21, 22 tal-kap 104, l-Art 8 kap 65 u fl-Avviz Legali 128/1994 u tikkundanna lill-imputat George Mifsud ghal 13 il-xahar prigunerija li minnhom jrid jitnaqqas iz-zmien li l-imputat qatta f'arrest preventiv; u tikkundanna lill-imputat Joseph Cachia ghal sentejn prigunerija li minnhom jitnaqqas iz-zmien f'arrest preventiv u tissospendi l-licenzji tal-istess Cachia ghal perjodu ghal hames snin.
Tikkundanna in oltre liz-zewg imputati jhallsu l-ispejjez inkorsi fl-inkjesta.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.